ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Karta Mudell 2020**

| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (L-Oral)** | **Il-Ħin: 10 minuti** |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Oral

1. Agħti l-karta bis-silta u l-mistoqsijiet lill-istudenti u agħtihom 5 minuti ċans biex jippreparaw għal dan l-oral.

2. Importanti li l-istudenti jiġu eżaminati għall-ħiliet tagħhom fil-qari, fit-tħaddim ta' reġistri differenti, għall-mod kif jesprimu ruħhom, għas-sekwenza tal-ideat, u l-ħila li jibnu argument loġiku.

3. Waqt l-eżami, l-istudenti se jintalbu mill-eżaminatur jaqraw jgħajtu paragrafu minn silta letterarja u wara jwieġbu l-mistoqsijiet fuq din is-silta.

**(Wara 5 minuti ta' preparazzjoni)**
***Bonġu/Il-waranofsinhar it-tajjeb. Jekk jogħġbok, aqra paragrafu _____ minn din is-silta qasira.***

**'Ir-Raġel Onest' ta' E. W. Zarb**

Darba kien hemm sultan li kellu sala mimlija teżori u ried isib għassies għaliha. "Hemm bżonn noqgħod attent li ma mmurx nagħżel ħalliel," ħaseb, "għax inkella jisraqli kollox. Irrid raġel onest. Kif nista' nsib raġel onest?" Bagħat għall-iktar uffiċjal għoli fis-saltna, u staqsieh x'kellu jagħmel.

"Ħejji festa kbira fil-palazz," qallu, "u stieden għaliha lil kull min irid jilħaq għassies tiegħek. Fl-aħħar tal-festa, itlob lill-mistednin jiżfnu u malajr issib lir-raġel onest. Is-sultan qagħad fuq il-parir tiegħu, u ħejja l-festa. Biex il-mistednin jaslu fis-sala tal-festa riedu jgħaddu minn passaġġ mudlam fejn kien hemm xkejjer mimlija bid-deheb u bil-fidda.

Meta kulħadd kiel u xorob, is-sultan talabhom jiżfnu quddiemu imma ħadd ma ċċaqlaq u kulħadd beda jġib l-iskużi. Wieħed biss ħareġ jiżfen kemm jiflaħ f'nofs is-sala. Minn hemm induna min hu r-raġel onest. L-oħrajn kienu serquh u mlew bwiethom bid-deheb u l-fidda, imma hu ma mess xejn. Għalhekk ir-raġel onest inħatar l-għassies tas-sultan.

* * *

***Grazzi ħafna. Hemm barra kellek ċans tipprepara għal dawn il-mistoqsijiet. Ħa nibda nsaqsik waħda wara l-oħra u inti trid twieġeb skont dak li qrajt.***

***L-ewwel mistoqsija:***

*Xi xtaq li jkollu s-sultan fil-palazz? Għala?*

***It-tieni mistoqsija:***

*X'qallu biex jagħmel l-uffiċjal tiegħu?*

***It-tielet mistoqsija:***

*Kif induna min hu r-raġel onest fosthom?*

***Ir-raba' mistoqsija:***

*Kieku kellek tbiddel xi ħaġa mill-istorja, x'kont iżżid jew tnaqqas?*

***Il-ħames mistoqsija:***

*Kieku kellek tkun wieħed mill-karattri tal-istorja, min tkun, u għaliex?*

**Għal kull mistoqsija agħti ċans lill-istudenti jwieġbu.**

**Wara li tara li l-istudenti wieġbu l-mistoqsijiet kollha, ara jekk iridux iżidu xi ħaġa. Jekk le, fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa.***